# MALTA

## TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tas-07 ta' Lulju, 2017**

**Talba numru: 494/2016 AM3**

**Lista Numru: 38**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1051**

**vs**

**Rosa Licciardello (ID 0101879A)**

**Blue Marine Court, Flat 3,**

**Triq iz-Zebbug,**

**St Julians**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ipprezentat fit-28 ta' Ottubru, 2017 li permezz taghha s-Socjeta' attrici talbet minghand l-konvenut il-hlas tas-somma ta' tlett elef mitejn u wiehed u erbghin ewro (€3,241.00c) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' kommunikazzjoni li gie pprestat mis-Socjeta' attrici lil konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC40411045.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta gusitifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef mitejn u wiehed u erbghin ewro (€3,241.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikant**